# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 28**

**Rikors numru 457/13/1 SM**

**Claude Zammit, Justin Zammit u Andrew Zammit**

**v.**

**Saviour Micallef, Herman Sant, Joan Mizzi bħala eredi ta' Alfred Mizzi, Clint Galea u Topfresh Trading Limited (C 43592)**

1. L-atturi ppreżentaw din il-kawża kontra l-konvenuti sabiex jottjenu ħlas tas-somma ta' €111,000 li jgħidu li kienu sellfu permezz ta' self brevi manu lis-soċjetà konvenuta Topfresh Trading Limited, peress li skont l-atturi l-konvenuti ħallsu biss l-imgħaxijiet dovuti fuq is-somma iżda qatt ma ħallsu lura l-kapital misluf. L-atturi jgħidu li l-konvenuti Saviour Micallef, Herman Sant, Joan Mizzi u Clint Galea huma wkoll debituri

tagħhom peress li huma ggarantew b'mod solidali l-ħlas tas-somma in kwistjoni.

2. L-atturi talbu għalhekk lill-Qorti sabiex:

> "1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' mija u hdax-il elf ewro (Eur 111,000);
>
> 2) Tikkundanna lill-istess intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' mija u hdax-il elf ewro (Eur 111,000);
>
> Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament."

3. Saviour Micallef eċċepixxa, *inter alia,* li Andrew Zammit m'għandux interess ġuridiku sabiex jippromwovi din l-azzjoni, li huwa għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u bejn l-attur, u li mhuwiex minnu li ggarantixxa b'mod solidali l-ħlas tas-self in kwistjoni.

4. Clint Galea eċċepixxa, *inter alia,* li huwa qatt ma ssellef xejn mingħand l-atturi u qatt ma ggarantixxa lill-atturi xi ħlas li seta' kien dovut lilhom mingħand terzi u għalhekk m'għandu xejn xi jħallas lill-atturi, li l-atturi jridu jippruvaw kif, meta u lil min sar is-self in kwistjoni, li Andrew Zammit ma seta' jagħmel ebda kawża abbażi tal-iskrittura tat-12 ta' Marzu 2010, li Andrew Zammit għandu jħallas lura jew jakkredita l-kont b'kull paga lilu mħallas mingħand Topfresh Trading Limited, u li mhuwiex permess li persuna tagħmel operazzjoni bankarja jew operazzjoni ta' self kummerċjali mingħajr id-debita awtorizzazzjoni tal-Awtorità kompetenti.

5. Il-bqija tal-konvenuti ma ppreżentaw l-ebda risposta, minkejja li ġew debitament notifikati bir-rikors ġuramentat tal-atturi.

6. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Ottubru 2017 ġie deċiż hekk:

> "37.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti Claude u Justin Zammit ippruvaw il-kaz taghhom fil-konfront tas-socjeta` intimata Topfresh Trading Limited kif fuq elaborat, u konsegwentement:
>
> DECIDE:
>
> 37.1. Takkolji wkoll l-ewwel eccezzjoni rispettivament sottomessa mill-intimati Saviour Micallef u Clint Galea;
>
> 37.2. Tiddikjara ghalhekk li r-rikorrenti Andrew Zammit m'ghandu l-ebda interess guridiku li jippromwovi l-procedura odjerna;
>
> 37.3. Tillibera lill-intimati Saviour Micallef, Herman Sant, Joan Mizzi u Clint Galea mill-osservanza tal-gudizzju;
>
> 37.4. Tiddikjara li s-socjeta` intimata Topfresh Trading Limited ghad ghandha taghti l-ammont ta' tlieta u disghin elf mija u sebghin euro, (€93,170.00), lir-rikorrenti Claude u Justin Zammit;
>
> 37.5. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lill-istess rikorrenti hemm ukoll indikati;
> 37.6. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija mid-data tal-presentata tal-procedura odjerna, (d-9 ta' Mejju, 2013), sad-datat tal-effettiv pagament."

7. L-atturi ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fl-24 ta' Ottubru 2017 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi tirrevokaha (1) fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjonijiet ta' Saviour Micallef u Clint Galea u ddeċidiet li Andrew Zammit m'għandux l-interess ġuridiku meħtieġ biex jippromwovi din il-kawża, u (2) fil-parti fejn

illiberat lill-konvenuti Saviour Micallef, Herman Sant, Joan Mizzi u Clint Galea mill-osservanza tal-ġudizzju u minflok tiddikjara l-istess konvenuti bħala debituri tal-atturi u tikkundannahom sabiex solidament iħallsu l-ammont dovut fl-intier tiegħu lilhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

8. Clinton Galea ppreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fis-7 ta' Marzu 2018 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-atturi appellanti.

9. Ħadd aktar mill-konvenuti ma preżenta risposta tal-appell, minkejja li l-konvenuti kollha ġew debitament notifikati bir-rikors tal-appell tal-atturi.

**Ikkonsidrat:**

**L-Ewwel Aggravju**

10. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-attur Andrew Zammit m'għandux interess ġuridiku f'din il-kawża. Jargumentaw li mix-xhieda ta' Andrew Zammit jirriżulta ċar li huwa kien sellef somma lis-soċjetà konvenuta Topfresh Trading Limited peress li kien mingħalih li hu kien ser jiġi

rreġistrat bħala azzjonist fl-istess kumpanija, liema xhieda qatt ma ġiet kontradetta mill-konvenuti tant illi Clinton Galea kkonferma li Saviour Micallef dejjem irrefera għal Andrew Zammit bħala l-persuna li ffinanzjat lis-soċjetà Topfresh. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni magħmula fl-iskrittura tat-12 ta' Marzu 2010 li Andrew Zammit kien qiegħed "jiddekadi mid-drittijiet kollha li din is-somma mislufa sallum gabitlu" jargumentaw li b'din is-sentenza l-partijiet kienu qed jirreferu għal ftehim li kien sar bejn il-partijiet u ċioè li Andrew Zammit jingħata mpjieg mal-konvenuta Topfresh minflok ma jingħata interessi fuq is-somma mislufa, u għaldaqstant din id-dekadanza ma kellhiex tiġi interpretata bħala dekadenza mid-drittijiet kollha li kellu Andrew Zammit, inkluż dawk ta' ħlas.

11. Clinton Galea jwieġeb li mill-iskrittura tat-12 ta' Marzu 2010 jirriżulta ċar li l-ħlas kellu jsir lil Justin u Claude Zammit u għalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-kreditu huwa tagħhom ad esklużjoni ta' Andrew Zammit.

12. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "22. Illi ezami tal-iskrittura privata in dizamina datata t-12 ta' Marzu, 2010, (ara foll 4 u 81), juri li l-kliem hemm uzat hu car u univoku;
>
> 23. Illi jirrizulta li l-intimati Alfred Mizzi, Clint Galea, Saviour Micallef u Herman Sant, ilkoll qed jidhru biss ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` intimata Topfresh Trading Limited, (ara foll 4 u 81);
>
> 24. Illi rizultat ta' din il-kjarezza ta' hsieb rigwardanti r-rapprezentanza in dizamina kif murija mill-partijiet involuti fl-iskrittura de quo, ma jirrizulta li hemm bzonn ta l-ebda interpretazzjoni fir-rigward u konsegwentement, m'hemmx bzonn li wiehed jipprova jinterpreta x'setghet kienet l-intenzjoni tal-kontraenti fir-rigward ghaliex kienet

espressa b'mod car u li ma jhalli l-ebda spazju ghall-interpretazzjoni differenti;

25. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku u minghajr spazju ghall-ebda ekwivoku, li l-intimati indikati qabel, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin (23.)), ma kienux qed jidhru fil-kapacita` personali taghhom izda biss u esklussivament ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` intimata;

26. Illi konsegwentement, ir-rikorrenti ma setghux iharrku lill-istess intimati fil-kapacita` personali taghhom stante li mill-istess skrittura privata in dizamina, (ara foll 4 u 81), jirrizulta bl-aktar mod car li l-istess intimati dehru biss ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` intimata;

27. Illi jirrizulta ghalhekk car li s-self sar minn Justin u Claude Zammit u s-socjeta` Topfresh Trading Limited, (ara foll 4 u 81);

28. Illi jirrizulta wkoll li l-fatt li gie hemm dikjarat:

> "Illi fl-ewwel lok jinghad li l-komparenti kollha huma konxji li din is-somma flus kienet u hija proprjeta` tal-komparenti Justin u Claude ahwa Zammit li huma jirrikonoxxu li dan is-self sar brevi manu bejniethom u indahal ghal din it-tranzazzjoni l-imsemmi Andrew Zammit, u kellha isservi sabiex minflok jithallas xi imghax l-istess Andrew Zammit jinghata impjieg mal-istess socjeta, kien hekk dikjarat specifikatament biex jassigura li l-imsemmi Anthony Zammit jinghata l-impjieg hemm indikat u xejn aktar";

29. Illi ghalhekk jigi wkoll sottolineat li l-istess Andrew Zammit effettivament, m'ghandu l-ebda interess guridiku fil-procedura odjerna;"

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

13. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa infondat. L-ewwel nett, kif sewwa kkonsidrat l-Ewwel Qorti, jirriżulta ċar mill-iskrittura li s-somma dovuta kellha titħallas biss lil Justin Zammit u Claude Zammit u mhux ukoll lil Andrew Zammit. Dan ikkonsidrat li fl-iskrittura stess ġie dikjarat li "Illi fl-ewwel lok jingħad li l-komparenti kollha huma konxji mill-fatt li din is-somma flus kienet u hija proprjeta tal-komparenti Justin u Claude aħwa

Zammit li huma jirrikonoxxu li dan is-self sar brevi manu bejniethom u indaħal għal din it-tranżazzjoni l-imsemmi Andrew Zammit, u kellha isservi sabiex minflok jitħallas xi imghax l-istess Andrew Zammit jingħata impieg mal-istess soċjeta."

14. Il-Qorti tosserva inoltre li Andrew Zammit stess fl-affidavit tiegħu kkonferma li d-dejn mertu ta' dawn il-proċeduri għandu jitħallas lil uliedu Justin u Claude Zammit u mhux lilu, u dan billi ddikjara hekk: "Meta wasal biex nirtira kont ghadni ma thallastx il-flus li jien slift lil Topfresh u ghalhekk ghamilna skrittura sabiex dawn il-flus jigu imhallsa lit-tfal tieghi." Għalhekk il-Qorti tqis li m'hemmx dubju li Andrew Zammit m'għandux l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex iressaq din l-azzjoni ġaladarba anke fuq ammissjoni tiegħu stess huma wliedu l-atturi l-oħra li huma kredituri fir-rigward tas-somma pretiża f'din il-kawża u mhux hu.

15. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

16. Permezz ta' dan l-aggravju l-atturi jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta lliberat lill-konvenuti kollha minbarra l-konvenuta Topfresh Trading Limited mill-osservanza tal-ġudizzju. Jargumentaw li fl-iskrittura datata 12 ta' Marzu 2010 il-konvenuti Alfred Mizzi, Clinton Galea, Saviour

Micallef u Herman Sant kienu dehru bħala debituri, u jżidu li fil-fatt dawn qatt ma kellhom ir-rappreżentanza ta' Topfresh Trading Limited kif jirriżulta mill-atti tal-kawża. Isostnu li jidher li l-intenzjoni ċara tal-konvenuti meta dehru fuq din l-iskrittura kienet sabiex jiggarantixxu s-self li kien qiegħed isir lill-kumpanija u mhux li jidhru unikament in rappreżentanza tal-kumpanija. Jgħidu li dan ġie kkonfermat *ex admissis* minn Saviour Micallef li fix-xhieda tiegħu qal li l-erbgħa li huma kienu għamlu tajjeb għas-self personalment, u kif jirriżulta mill-irċevuti esebiti l-appellanti Clint Galea u Alfred Mizzi kienu ta' spiss jgħaddu pagamenti permezz tal-kumpanija ACH Foods & Beverages Imports Limited li kienet tappartjeni lilhom personalment. Jargumentaw ukoll li s-soċjetà Topfresh Trading Limited waqfet topera fil-bidu ta' Ġunju 2010 u m'għandha l-ebda assi sabiex jitħallas id-dejn u kien għalhekk li huma kienu ħassew il-bżonn li tiġi ffirmata skrittura fejn ikun hemm rikonoxximent u garanzija tal-ammont dovut lilhom.

17. Clinton Galea jwieġeb li mill-iskrittura tat-12 ta' Marzu 2010 jirriżulta bl-aktar mod ampju li s-self in kwistjoni kien sar lil Topfresh Trading Limited, u l-iskrittura tispeċifika li l-konvenuti kienu qed jidhru biex jirrappreżentaw lill-istess Topfresh Trading Limited. Jargumenta li l-kliem tal-iskrittura huma ċari u għalhekk m'hemm lok għall-ebda interpretazzjoni, in linja mal-massima *contra scriptum testimonium non scriptum testimonium non fertur.* Jargumenta li r-rappreżentanza ta'

kumpanija hija kwistjoni interna u l-unika persuna li jista' jkollha l-jedd li tattakka atti magħmula għan-nom tal-kumpanija hija proprju l-kumpanija nnifisha u mhux terzi, u f'dan il-każ Topfresh la kkontestat id-dejn u lanqas il-validità tal-iskrittura. Iżid li skont l-Artikolu 1929 tal-Kodiċi Ċivili l-garanzija ma tistax tkun preżunta iżda għandha tkun espressa u skont l-Artikolu 1233(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili għandha ssir bil-miktub fuq piena ta' nullità u għalhekk la l-kuntratt in kwistjoni ma jipprovdi xejn dwar garanzija ma jistax issa jiġi deċiż li huma garanti ta' Topfresh Trading Limited. Dwar il-ħlasijiet magħmula minn ACH Foods & Beverages Limited jgħid illi kif jirriżulta mill-atti kien hemm żmien fejn din il-kumpanija kienet ser takkwista lil Topfresh u għalhekk kellha interess li tagħmel dawn il-pagamenti u fi kwalunkwe każ dawn il-pagamenti kienu ħlas parzjali ta' dejn ta' terz li skont il-ġurisprudenza ma jammontax għall-għoti ta' garanzija jew ta' prova li l-pagatur aċċetta d-debitu bħala tiegħu.

18. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "30.0. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-intimati huma garanti tas-socjeta` intimata jinghad sintetikament is-segwenti:
>
> 30.1. Illi din l-affermazzjoni tar-rikorrenti, (ara foll 1), mhix suffragata mill-iskrittura privata tat-12 ta' Marzu, 2010, (ara foll 4 u 81);
>
> 30.2. Illi l-artiklu 1929 tal-Kap 16 de quo jistipula s-segwenti: "Il-garanzija ma tistax tkun prezunta, izda ghandha tkun espressa; u ma tistax tinhareg barra mill-limiti li fihom tkun giet ikkuntrattata" 30.3. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghax-xhieda tal-intimat Saviour Micallef datata l-4 ta' Frar, 2016, (ara foll 165), fejn qal is-segwenti: "...illi l-erbgha li ahna hemm indikati ghamilna tajjeb ghas-self personalment";

30.4. Illi in vista ta' dak suespost fil-paragrafu precedenti ssir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet J.T.C. Pisani Limited vs. Nicholsons The Supermarket Limited et, datata t-30 t'Ottubru, 2003, li ssottolineat is-segwenti: "Kif qalet din il-qorti fil-kawza Xuereb vs. Cremona deciza fis-7 ta' Marzu, 1957, (Vol. XLI. II. 924, il-kliem 'ahna naghmlu tajjeb ghalih' ma jindikawx assunzjoni ta' dejn, izda ghoti ta' garanzija, li, pero`, hija nulla ghax ma tirrizultax bil-miktub";

30.5. Illi f'dan ir-rigward wkoll issir referenza ghall-artiklu 1233 tal-Kap 16 tal-ligijiet de quo li jistabbilixxi s-segwenti: "(1) Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi, espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taht piena ta' nullita` - "(c) il-garanziji";

30.6. Illi in effetti l-garanzija in dizamina ma tirrizultax li giet redatta mill-partijiet koncernati;

30.7. Illi konsegwentement ma jistghax allura jinghad li l-intimati kienu effettivament dahlu garanti ghad-dejn tas-socjeta` intimata minnhom rapprezentata fl-iskrittura de quo;

Ikkunsidrat:

31. Illi effettivament jirrizulta li l-intimati kienu effettwaw xi pagamenti lir-rikorrenti ghan-nom tas-socjeta` intimata, (ara foll 201 sa 218);

32. Illi l-istess jirrizulta li saru fl-isfond li s-socjeta` intimata kienet fil-process li tinxtara mis-socjeta` ACM Foods & Beverages Imports Limited, (ara foll 219); Ikkunsidrat:

33. Illi di piu`, l-istess sar ai termini tal-artiklu 1149(1) tal-Kap 16 li jistabbilixxi li: "Il-kreditur ma jistax jirrifjuta hlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-hlas ikun ta' vantagg ghad-debitur";

34. Illi in vista tal-premess, l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Saviour Micallef, (ara foll 25), u tal-intimat Clint Galea, (ara foll 27), ghandhom jigu milqugha;

Ikkunsidrat:

35. Illi di piu`, in vista tal-istess jinghad li fir-rigward tal-kontumaci Herman Sant u Joan Mizzi kif fuq stabbilit, (ara paragrafi numri tnax (12.), sa erbatax, (14.) aktar qabel), l-istess kontumaci ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

19. Il-Qorti tqis li anke dan l-aggravju huwa infondat. L-ewwel nett, a kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellanti, fl-iskrittura tat-12 ta' Marzu 2010 Alfred Mizzi, Clinton Galea, Saviour Micallef u Herman Sant ġew indikati li qed jidhru għaliex "konguntivament qieghdin jirraprezentaw lis-socjeta maghrufa bhala Topfresh Trading Ltd" u mkien ma jingħad fl-istess skrittura li l-istess komparenti kienu qed jidhru wkoll f'isimhom proprju sabiex jiggarantixxu d-dejn ta' Topfresh Trading Limited. Inoltre, a kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellanti ma jirriżultax mix-xhieda prodotti fil-kawża li l-persuni msemmija kienu dehru fuq il-kuntratt bħala garanti solidali ta' Topfresh Trading Limited. Fil-fatt, fl-affidavit tiegħu Andrew Zammit fl-ebda ħin ma jsemmi din il-kwistjoni meta jispjega r-raġuni li waslet sabiex issir din l-iskrittura, u l-unika mument li b'xi mod isemmi xi tip ta' garanzija jirreferi għal punt wara li saret din l-iskrittura billi jgħid "L-ahhar li kien hallas kien Clint Galea personalment u kien iweghdni li peress li ha n-negozju hu, huwa kien sejjer jaghmel tajjeb huwa personalment." Però kif sewwa kkonsidrat l-Ewwel Qorti skont il-liġi, u senjatament skont l-Artikolu 1233(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili, garanzija trid issir bil-miktub taħt piena ta' nullità. Għalhekk din id-dikjarazzjoni bl-ebda mod ma tista' titqies bħala garanzija valida skont il-liġi. Għaldaqstant, ġaladarba ma tirriżulta l-ebda garanzija bil-miktub kif

meħtieġ mil-liġi permezz ta' liema l-konvenuti ggarantew personalment id-dejn ta' Topfresh Trading Limited, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi appellanti, bl-ispejjeż tal-appell kontra l-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr